# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 13 ta' Lulju 2001**

**Numru 146**

**Citaz. numru: 2335/96M1 NA**

**Joseph Farrugia**

**vs**

**Alex Delia**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fejn ippremetta:

Illi fit-23 ta' Jannar 1996 waqt li hu kien qed isuq vettura Numru ta' Registrazzjoni B-5547 f'Mdina Road, Qormi, huwa safa' milqut minn vettura Numru ta' Registrazzjoni I-3103 misjuqa mill-konvenut; 56

Illi ghal din il-habta kien unikament responsabbli l-konvenut li qabad u hareg minn fuq *stop sign*;

Illi fl-imsemmi ncident il-vettura ta' l-istanti garrbet hsarat konsiderevoli kif jigi ahjar ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

TALAB ghalhekk li din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut kien responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tat-23 ta' Jannar 1996 f'Mdina Road, Qormi, li fih il-karozza ta' l-istanti Numru ta' Registrazzjoni B-5547 garrbet bosta hsarat;

2. tillikwida okkorrendo bl-operat ta' perit nominandi d-danni hekk subiti mill-attur;

3. konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjes komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Mejju 1996, 10 ta' Lulju 1996 u ta' l-ittri legali tat-8 ta' Mejju 1996 u tas-17 ta' Gunju 1996 kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut, li eccepixxa illi:

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress li l-eccipjent mhux responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut.

Rat it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut fejn ippremetta:

Illi fit-23 ta' Jannar 1996 ghal habta tal-5.10 p.m. waqt li kien qieghed isuq il-vettura numru I-3103 minn Mdina Road, Qormi hu safa milqut minn vettura numru B-5547 misjuqa mill-attur rikonvenut u sofra danni;

Illi ghal dan l-incident stradali hu responsabbli l-attur rikonvenut peress li dan gara minhabba imprudenza, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

TALAB li din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddikjara lill-attur rikonvenut responsabbli ghall-icnident stradali fuq riferit u ghad-danni konsegwenzjali;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut rikonvenut b'rizultat ta' l-istess incident stradali;

3. tikkundanna lill-attur rikonvenut ihallas id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut.

Rat ix-xhieda w il-provi prodotti mill-partijiet.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-attur ma ghamilx nota ta' l-eccezzjonijiet ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut u ghalhekk f'dan ir-rigward huwa kontumaci.  Dan gie kkonfermat fil-verbal tal-Qorti a fol. 25 tal-process.

Dan l-incident gara meta l-konvenut hareg minn fuq *stop sign* ghal go *main road* (Mdina Road, Qormi), u spicca hareg quddiem il-karozza ta' l-attur li da parti tieghu spicca biex laqat il-konvenut minn wara.

Rigward il-fatt jekk il-konvenut fil-fatt waqafx fuq li *stop sign*, l-attur ighid illi l-konvenut baqa' hiereg minghajr ma waqaf, u dan gie korroborat mid-dikjarazzjoni ta' Lawrence Catania li kien xhud ta' l-incident in kwistjoni (vide fol. 86) (u dana minkejja illi ma xehedx bil-gurament). Il-konvenut minn naha tieghu xehed illi hu waqaf fuq li *stop sign* biex jara jekk kienx gej traffiku.

Dik it-triq hija twila u pjuttost dritta, izda l-konvenut xehed illi meta waqaf fuq li *stop sign* fl-ebda hin ma ra l-karozza ta' l-attur u ghalhekk baqa' hiereg. Dan huwa ghal kollox mhux verosimili ghaliex sabiex l-attur lahaq il-konvenut jekk dan fl-ebda hin ma rah gej, l-attur kellu bilfors ikun ghaddej bi speed oltre eccessiv - haga li ma rrizultatx mill-provi.

Dwar il-fatt illi l-attur laqat il-konvenut minn wara, il-Qorti tifhem mix-xhieda prodotta, illi dan gara purament minhabba l-fatt li l-konvenut hareg ezattament quddiem l-attur, tant li ma

tahx cans jew ibiddel il-*lane* jew li jibbrejkja, u mhux ghax l-attur kien qed isuq bi speed eccessiv - fit-tali kaz, l-incident kien ikun tort, almenu in parte, ta' l-attur, ghaliex ikun laqat il-konvenut minn wara minhabba li baqa' ghaddej bi speed eccessiv. Il-fatt li ma gewx indikati *brake marks* fuq li *sketch*, u l-fatt li l-P.S. 134 Joseph Attard xehed illi *brake marks* ma kienx hemm juri illi l-konvenut bil-manuvra tieghu meta hareg minn fuq *stop sign* ghal go *main road*, holoq kaz ta' *sudden emergency* ghall-attur, tant hu hekk illi lanqas lahaq ghafas il-*brake*. Anki l-attur xehed illi ma halla l-ebda *brake marks*. Il-konvenut minn naha tieghu allavolja fix-xhieda tieghu jghid li l-attur kien halla *brake marks*, kien jaf illi dawn ma jidhrux fli *sketch* izda xorta wahda xehed illi jaqbel ma' li *sketch* a fol. 79!

Finalment fir-rigward tal-kontradizzjoni apparenti fix-xhieda ta' l-attur kif ritenut mid-difensur tal-konvenut fil-finali trattazzjoni tieghu l-Qorti tirrileva illi l-posizzjoni fejn spiccat il-vettura tal-konvenut wara l-impatt mhijiex il-parti tax-xellug tat-triq fejn gara l-incident izda s-*service road* fuq ix-xellug tas-*centre strip*.

Ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet, skond il-provi li ngabru, il-Qorti hija tal-fehma illi l-verzjoni ta' l-attur hija izjed verosimili u ghalhekk it-talbiet tieghu ghandhom jigu milqugha, waqt li l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba tal-konvenut ghandhom jigu michuda.

Fir-rigward tal-kwistjoni tal-likwidazzjoni tad-danni ta' l-attur fir-rapport ta' Natalino Agius (Motor Surveyor and Valuer) esebit fil-process bhala Dokument "A" u Dokument "B" (kif ukoll a fol. 60-63 ghall-verzjoni kompleta), sabiex il-karozza ta' l-attur tissewwa t-total ta' l-ispiza hija Lm1564 (inc. VAT) u ghalhekk dan jissottometti li skond l-opinjoni tieghu l-karozza ta' l-attur saret *total loss* u m'ghandhiex tissewwa.

Skond is-*survey report* maghmula w ikkonfermata bil-gurament minn Natalino Agius il-karozza ta' l-attur kienet inxurjata ghal Lm1300 u ovvjament allura l-*pre-accident market value* tal-karozza ta' l-attur (Talbot B-5547) ma jistax ikun ghola minn dan l-ammont.

Il-*wreck value* tal-karozza skond ir-rapport huwa dak ta' Lm180. Ghalhekk id-danni fil-karozza ta' l-attur jigu kalkolati billi jitnaqqas il-valur tal-*wreck value* (jekk il-karozza ser

izommha s-sid jew jiddisponi minnha hu stess) mill-*pre-accident market value*. Dana jwassal ghall-ammont ta' Lm1120.

Ma' dan l-ammont ta' Lm1120 ghandu jizdied l-ammont ta' Lm115 li jikkostitwixxi l-valur tal-20 *days loss of use* (inc. VAT) li kkalkola s-*surveyor* stess fir-rapport tieghu. Dana ghaliex il-20 *days loss of use* huma ragonevoli u ghandhom jinghataw lill-attur, ghaliex sakemm jigi accertat jekk il-karozza tistax tissewwa u jkun jista' jaghmel arrangamenti alternattivi, l-attur ghandu jkollu dritt li jikri karozza ohra.

Ma jidhirx li hemm xi danni ohra li ghandhom jithallsu lill-attur. L-attur ma semmiex jekk hallas xi haga ghas-*survey report* li sar u ghalhekk dawn ma jistghux jizdiedu mad-danni.

Din il-kawza hija ghalhekk deciza billi l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba rikonvenzjonali tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut kien responsabbli ghall-incident awtomobbilistiku tat-23 ta' Jannar 1996

f'Mdina Road, Qormi li fih il-karozza ta' l-attur Numru ta' Registrazzjoni B-5547 garrbet bosta hsarat;

2. tillikwida d-danni subiti mill-attur fl-ammont ta' Lm1235 kif fuq spjegat;

3. konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni u dana bl-ispejjes kif mitluba.

L-imghax legali jiddekorri biss millum.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.